MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avviz Numru. 93/2003

**Alfsons Enterprises Limited**

**vs**

**Lucenz Mallia et**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u disgha u tletin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM2539.34,0) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Dicembru tas-sena 2002, tal-ittra ufficjali tal-14 ta'**

**Jannar tas-sena 2003 u bl-imghax legali mit-30 ta' Novembru tas-sena 2002 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-27 ta' Marzu tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------